2024/632

20.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/632

tad-19 ta' Frar 2024

li tniedi l-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).

(2) Fl-14 ta' Frar 2024, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jenħtieġ li jiġi approvat il-Pjan Operazzjonali (OPLAN), inkluż ir-Regoli tal-Ingaġġ għal EUNAVFOR ASPIDES.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE, EUNAVFOR ASPIDES jenħtieġ li titnieda fid-19 ta' Frar 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-OPLAN, inkluż ir-Regoli tal-Ingaġġ, għal EUNAVFOR ASPIDES huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

L-EUNAVFOR ASPIDES għandha titnieda fid-19 ta' Frar 2024.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj.